LUQA

Minuti tal-Laqgħa Nru. 23 tal-Ħames Kunsill Lokali Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ħamis, 26 ta' Frar 2009 fl-4.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Is-Sur John Schembri |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Victor Caruana<br>Dr. Frank Psaila<br>Is-Sur Joseph Camilleri<br>Is-Sinjura Lucia Massa |
| **Skużati :** | Is-Sur Joseph Scicluna<br>Is-Sur Joseph Piscopo A.Mus.L.C.M. |
| **L-Uffiċjali:** | |
| Is-Segretarju Eżek. | Is-Sur Michael Borg |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Riferenzi għall-Minuti
3. Korrispondenza
4. *Premises* tal-Kunsill
5. Jum Ħal Luqa
6. Ħlasijiet

LUQA

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa Nru 22 li ġew approvati fuq mozzjoni tas-Sur Joseph Camilleri ssekondata mis-Sur Victor Caruana wara li ġie emendat para. 6.1.iv fejn flok l-isem Andrew Micallef daħal l-isem ta' Gram Allman.

## 2. REFERENZI GĦALL-MINUTI

2.1 Dwar l-attivita' tal-Karnival għat-tfal, il-Kunsillier Joseph Camilleri qal li s-Sotto-Kumitat għall-Kultura li għadu kif ġie konstitwit, kontra kif kien miftiehem ma gie mdaħħal xejn f'din l-attivita' peress li ġiet imtella' flimkien ma' l-Iskola Primarja.

2.2 Is-Sur Joseph Camilleri informa wkoll lill-Kunsill bl-andament tal-laqgħa li attenda għaliha dwar il-metodi ta' kontroll tal-Bumunqar Aħmar tal-Palm.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sindku ta resume' tal-korrispondenza kollha li daħlet sat-26 ta' Frar 2009, fosthom ;

a) Memo 14/2009 tad-DGL dwar konsultazzjoni għat-tfassil ta' *Policy* dwar *Open Storage*. Il-Kunsilli ġew mitluba jindikaw siti fejn hemm il-problemi ta' makkinarju u vetturi kbar ipparkjati, u fl-istess ħin jindikaw ukoll siti li jistgħu jiġu utilizzati għal vetturi kbar u materjal goff, kif ukoll jagħmlu suġġerimenti sabiex din l-isfida tiġi ndirizzata bl-aħjar mod.

ai) il-Kunsill identifika l-bidu ta' Triq l-Ingieret u Triq l-Arloġġar bħala siti fejn hemm vetturi goffi pparkjati, u wkoll ragħba pubblika li hemm fi Triq l-Arloġġar li tista' tiġi utilizzata bħala *open storage*.

b) e-mail minn TCTC dwar serje ta' *computer courses* li jistgħu jiġu organizzati mill-Kunsill matul ix-xhur tas-sajf.

c) Serje ta' emails dwar il-kampanja *Switch* għal Użu Aħjar ta' l-Enerġija. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kunsill se jieħu sehem billi jniedi kampanja ta' *posters* u se jorganizza laqgħa edukattiva għall-pubbliku nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Marzu 2009 fis-6.00 p.m. fis-Sala Komunitarja tal-Kunsill. Il-laqgħa se titmexxa minn espert tal-Gvern fuq il-materja.

- Ġiet innotata wkoll il-korrispondenza kollha tal-MEPA li daħlet sas-26 ta' Frar 2009.

➢ Is-Sindku fakkar lill-Kunsilliera biex għall-fuljett tal-Kunsill jgħaddu l-artiklu tagħhom sas-6 ta' Marzu 2009.

➢ Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsillieri li l-laqgħa li jmiss tal-Kunsill se ssir nhar l-Erbgħa, 25 ta' Marzu 2009 fl-4.30 p.m. fis-Sala Komunitarja tal-Kunsill u tkun segwita' fis-6.00 p.m. bil-laqgħa Annwali għall-Pubbliku.

LUQA

## 4. *PREMISES* TAL-KUNSILL

4.1 Is-Sindku John Schembri ta' rendikont tal-laqgħa li saret nhar it-Tlieta, 17 ta' Frar 2009 ma' l-Onor. Mario Galea M.P. Din il-laqgħa saret fl-uffiċċju tal-Kunsill u għalija attenda wkoll il-Kappillan Dun Karm Camilleri u Dott.ssa Stephanie Xuereb, Direttur responsabbli mic-~entri ta ' l-Anzjani.

4.2 Il-laqgħa ssejħet wara li fil-laqgħa preċedenti li saret f'Kastilja fl-Uffiċċju ta' l-Onor Dr. Chirs Said ġie identifikat iċ-~entru Parrrokkjali bħala alternattiva biex jintuża bħala *Day Centre* minflok dak li jinsab fil-binja tal-Kunsill fi Triq il-Gdida.

4.3 Mil-laqgħa ħareġ li l-Kappillan jaqbel fil-prinċipju li jagħmel sala (Sala B) biex tintuża fil-għodu bħala Day Centre. Imma stqarr li l-ewwel irid il-permess tal-Kurja.

4.4 Is-Sindku żied igħid li fuq suġġeriment tal-Kappillan stess, il-Kunsill Lokali kiteb lill-Kurja biex jesprimi ix-xewqa tal-Gvern ~entali, tal-Kunsill Lokali u tal-Kappillan dwar iċ-~entru Parrokkjali bħala *Day Centre* peress li l-*premises* attwali tal-Kunsill ġew dikjarati mhux aċċessibli u għalhekk mhumiex adekwati biex il-Kunsill jaqdi l-funzjonijiet li twaqqaf għalihom. .

## 5. JUM ĦAL LUQA

5.1 Is-Sindku qal li veru għadna fix-xahar ta' Frar, imma minn issa irridu naħsbu għal Jum Ħal Luqa. Huwa qal li peress li din is-sena taħbat it-375 sena mit-twaqqif tal-Parroċċa, ikun bix-xierq li jiġu organizzati attivitajiet li jimmarkaw dan l-avveniment.

5.2 Is-Sindku kompla jgħid li s-Sotto Kumitat tal-Kultura li għadu kif inħatar qiegħed jiltaqa' regolari u ġie nkarigat biex iħejji rapport u joħroġ bil-proposti tiegħu dwar l-attivitajiet. Ma' dawn l-attivitajiet irridu wkoll naħsbu dwar Gieħ Ħal Luqa.

## 6. ĦLASIJIET

6.1 Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kollha li daħlu sas-26 ta' Frar 2009 u li lista tagħhom ġiet ippreżentata mis-Segretarju Eżekuttiv.

- Peress li ma kienx hemm items oħra x'jiġu diskussi, fis-5.20 p.m. is-Sindku ddikjara l-laqgħa bħala magħluqa.

  - Konfermati llum 25 ta' Marzu 2009.

| | |
|---|---|
| John Schembri<br>Sindku | Michael Borg<br>Segretarju Eżekuttiv |